Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 ta' Mejju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri**
**Spettur Antonello Magri)**

**Versus**

**Andre' Borg**
**(98886M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Andre' Borg** ta' 37 sena iben Victor u Salvina nee' Baldacchino, imwieled Pieta', nhar it-12 ta' Frar 1986, resident gewwa Nru. 148 Triq il-Kappillan Magri, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 98886M.

U nakkuzah talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kissru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, meta:

1. Nhar 5 ta' Mejju 2023, u jew fi granet qabel u f' ħinijiet diffrenti, minn gewwa Triq San Guzepp, Paola, ikkometta serq ta' cables tal-valur li ma jaqbisx Euro 2,329.37, liema serq huwa aggravat bil-Valur u bil-Mezz dan għad-detriment tal-EneMalta.

2. Bejn 20 u 25 ta' April 2023, u jew fi granet qabel u f' ħinijiet diffrenti, minn gewwa Triq San Piju V, Zabbar ikkometta serq ta' cables tal-valur li ma jaqbisx Euro 2,329.37, liema serq huwa aggravat bil-Valur u bil-Mezz dan għad-detriment tal-EneMalta.

3. Nhar 20 ta' Jannar 2023, u jew fi granet qabel u f' ħinijiet diffrenti, minn gewwa Joanne's Garden, Paola, ikkometta serq ta' cables tal-valur li ma jaqbisx Euro 232.94 liema serq huwa aggravat bil-Mezz dan għad-detriment tal-EneMalta.

Il-Qorti hija finalment ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Andre' Borg sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offiżi kull ħaġa minnu misruqa jew li hu kien xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 15A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli irrenda ruħu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 10 ta' Mejju 2023 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u

nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnhom ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputat, kif ukoll illi l-partijiet qablu illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna minhabba li hu dipendenti fuq id-droga.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 18, 31, 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 278(2), 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Andre' Borg hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Andre' Borg** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kundizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lil hati **Andre' Borg** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati

fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati **Andre' Borg**. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi rigward it-talba ai termini ta' l-**Artikolu 15A(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat